

# L-istat tan-nazzjon

## Konferenza Nazzjonali

Il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2024

Il-Palazz Verdala



L-istat tan-nazzjon

# L-istat tan-nazzjon

**Dr Vincent Marmarà**
B.Sc.(Hons)(Melit.), M.Sc.(Sheff.) Statistics,
Ph.D.(Stir.), FRSS, KLJ
Statistiku u lettur anzjan fl-Università ta' Malta

# L-għanijiet prinċipali

- Din il-konferenza nazzjonali se tibda bi stħarriġ xjentifiku fost il-Maltin.
- Għal dan l-istudju qed nikkunsidraw iċ-ċittadini Maltin.
- Irridu nifhmu aħjar min hu l-poplu Malti u Għawdxi.
- Nifhmu aħjar f'dak li l-poplu jemmen, dak li jiddefinixxih u dak li jifforma l-prinċipji tiegħu.
- L-interess prinċipali mhux l-opinjoni tan-nies fuq ħaġa jew oħra iżda fuq dak li hemm aktar fil-fond u li jsawwar l-opinjonijiet tal-poplu.

L-istat tan-nazzjon

# L-għanijiet prinċipali

- Se nħarsu lejn dak li jiddefinixxi lill-poplu minn diversi aspetti fosthom:
  1. Ir-reliġjon
  2. Il-kultura
  3. L-impjieg
  4. L-għażliet li jagħmel ta' kuljum
  5. Id-drittijiet
  6. Il-politika
  7. L-aspett finanzjarju
  8. L-ekonomija u diversi aspetti oħra

Dan kollu se nħarsu lejh mil-lenti taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-ħaddiema u ta' ċittadini minn inħawi differenti, u ta' ħafna gruppi oħra li jikkaratterizzaw il-popolazzjoni kollha ta' Malta.

# Metodoloġija

- Dan l-istudju jikkonsisti f'kampjun ta' 1,064 persuna minn 16-il sena 'l fuq. Hekk naċċertaw li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun qrib il-fatti. Infatti l-*margin of error* huwa ta' +/-3%.
- Aċċertajna li l-kampjun intgħażel b'mod li jirrifletti d-demografija tal-pajjiż biex b'hekk anke l-vuċi ta' dak li jiddefinixxi l-istat tan-nazzjon ikun jaqbel b'mod eżatt.
- L-istudju ta' tliet snin ilu sar fi żmien meta l-pandemija kienet fil-qofol tagħha u kien hemm diversi restrizzjonijiet imposti b'mod speċjali fir-rigward tal-attività soċjali. Barra minn hekk, tajjeb wieħed jinnota li l-istudju ta' sentejn ilu sar ftit żmien wara l-Elezzjoni Ġenerali. L-istħarriġ tas-sena l-oħra sar fi żmien fejn nistgħu ngħidu li l-pajjiż mar għal ċertu normalità totali. L-istħarriġ ta' din is-sena sar fi żmien fejn il-ġbir tal-kampjun sar waqt il-kampanja elettorali tal-Parlament Ewropew, f'Mejju. Dawn il-fatturi kollha ħallew influwenza fuq diversi riżultati.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja, id-drittijiet tiegħek u l-livell tal-għajxien

# Tippjana ħajtek?

Interessanti ta' min jinnota li kull sena n-nies qed jippjanaw inqas il-ħajja tagħhom u jgħixu aktar ġurnata b'ġurnata




L-istat tan-nazzjon

# Tippjana ħajtek?

- Dawk li huma akbar minn 66 huma l-inqas li jippjanaw ħajjithom, 30.1%.
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma dawk li jippjanaw ħajjithom l-aktar.

Skont l-età: Inti:




Skont kemm tħallas taxxa: Inti:




L-istat tan-nazzjon

# Il-kuntentizza b'ħajtek

Fis-sena 2022 rajna żieda sostanzjali f'dawk li qalu li huma kuntenti b'ħajjithom (60.7% fl-2021 vs 77.0% fl-2022). Il-perċentwal ta' din is-sena huwa simili għal tas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Suċċessi f'ħajtek

Kull sena bejn is-sena 2021 u 2023 kienet qed tiġi nnotata żieda gradwali f'dawk li qalu li huma jaħsbu li rnexxew f'ħajjithom (minn 61.1% fis-sena 2021 għal 65.1% fis-sena 2022 għal 70.4% fis-sena 2023). Din is-sena r-riżultati huma simili għal tas-sena l-oħra. Dawk li huma separati/divorzjati huma l-inqas li jaħsbu li rnexxew f'ħajjithom (56.0%).







L-istat tan-nazzjon

# Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

Meta mqabbel mas-sena l-oħra naraw li kien hemm żieda f'dawk li qalu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena (39.1% fl-2023 vs 45.5% fl-2024).




L-istat tan-nazzjon

# Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

Għalkemm il-maġġoranza tan-nies jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa, fis-sena 2024 qed naraw l-inqas perċentwal ta' nies li qalu li huma jħossu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (51.8%).




L-istat tan-nazzjon

# Il-livell tal-għajxien

Ix-xenarju huwa simili għal dak tas-snin preċedenti.




L-istat tan-nazzjon

# Il-livell tal-għajxien

- Aktar kemm hu għoli l-livell ta' edukazzjoni tan-nies, aktar huma dawk li qalu li għandhom l-istandard tal-għajxien tagħhom 'il fuq mill-medja.

- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma l-aktar li qalu li għandhom l-istandard tal-għajxien tagħhom 'il fuq mill-medja







L-istat tan-nazzjon

# Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

Il-maġġoranza tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom baqgħet l-istess imqabbla ma' sena ilu (48.2%), 29.2% qalu li marret għall-aħjar u 22.6% qalu li marret għall-agħar. Ta' min jinnota li s-sena 2024 kienet l-aktar sena li n-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar f'dawn l-aħħar 4 snin.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: L-għażliet ta' kuljum

# Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

- In-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ ġew ippreżentati b’dawn li ġejjin u huma kellhom jgħidu ma’ min l-aktar jiddiskutu l-problemi tagħhom:
  - Ħbieb
  - Il-familja li tgħix magħha
  - Il-familja li ma tgħixx magħha
  - Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers
  - Kollegi tax-xogħol
- L-aktar li jfittxu l-għajnuna huwa mingħand il-qraba li jgħixu magħhom (66.8% ta’ dawk li wieġbu qalu li huma ***dejjem*** jiddiskutu l-problemi tagħhom mal-familja li jgħixu magħha).
- L-inqas li jfittxu għajnuna huwa mingħand il-kollegi tax-xogħol (fis-sena 2024, 64.4% ta’ dawk li wieġbu qalu li huma ma jfittxux għajnuna rigward il-problemi tagħhom mingħand kollegi tax-xogħol).

L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

Jekk xi ħaġa tmur ħażin f'ħajtek, inti tfittex l-għajnuna mingħand: Il-familja li ma tgħixx magħha




Jekk xi ħaġa tmur ħażin f'ħajtek, inti tfittex l-għajnuna mingħand: Professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers




Jekk xi ħaġa tmur ħażin f'ħajtek, inti tfittex l-għajnuna mingħand: Kollegi tax-xogħol




L-istat tan-nazzjon

# L-għażliet importanti fil-ħajja

Is-sitwazzjoni hija simili ħafna għas-snin preċedenti. Il-familja hija l-aktar sors imfittex min-nies sabiex dawn jieħdu deċiżjonijiet importanti (76.4%). Barra minn hekk, ħafna mid-deċiżjonijiet importanti ma jiġu diskussi ma' ħadd u l-persuna tieħu deċiżjoni waħedha (45.5%). L-inqas mod popolari kif jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa: Mal-professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers (1.1%). In-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ semmew **il-familja (iż-żwieġ jew it-tfal)** u **l-karriera** bħala l-aktar żewġ għażliet importanti li għamlu.

L-għażliet importanti f'ħajtek inti tagħmilhom (tista' timmarka aktar minn waħda):




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3: Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3 – Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '5'):

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|
| – Id-dħul mill-impjieg tiegħek | 2.17 | 2.30 | 2.53 | 2.30 |
| – Is-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol | 2.24 | 2.33 | 2.40 | 2.41 |
| – Sigurtà/garanzija ta' impjieg | 2.69 | 3.30 | 3.13 | 3.31 |
| – Flessibbiltà tas-sigħat | 3.71 | 3.56 | 3.47 | 3.41 |
| – Apprezzament fuq il-post tax-xogħol | 4.19 | 3.46 | 3.47 | 3.57 |

- Bħas-snin 2021 u 2022, "id-dħul mill-impjieg tiegħek" huwa l-aktar fattur importanti fis-sena 2024. Ir-riżultati huma simili għal tas-snin ta' qabel.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

# It-twemmin f'Alla

Il-maġġoranza assoluta ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li huma jemmnu f'Alla (88.9%). Kienu biss 8.2% tan-nies li qalu li ma jemmnux f'Alla. Filwaqt li 3.0% tan-nies qalu li ma jafux.




L-istat tan-nazzjon

# It-twemmin f’Alla

- Aktar minn għoxrin fil-mija ta’ dawk li għandhom bejn is-16-25 sena qalu li huma ma jemmnux f’Alla (20.7%).

- Aktar minn erbatax fil-mija ta’ dawk li għandhom livell ta’ edukazzjoni terzjarja qalu li ma jemmnux f’Alla (14.5%).






# L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

Meta tħares lejn ir-riżultati ta' dawn l-erba' snin, ir-riżultati huma simili ħafna, għalkemm din is-sena hemm ċaqliq żgħir fin-numri. Aktar minn sitta u ħamsin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom (56.7%). Għal ftit aktar minn tletin fil-mija tan-nies, ir-reliġjon mhix daqshekk importanti f'ħajjithom (31.5%). Filwaqt li għal ftit aktar minn għaxra fil-mija, ir-reliġjon mhi importanti xejn f'ħajjithom (10.4%).







Hemm tendenza ċara li aktar kemm tkun kbira l-età, aktar titqies importanti r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem.

L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

- In-nies li wieġbu dan l-istħarriġ li għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li r-reliġjon hi importanti f'ħajjithom (83.3%).
- Aktar kemm taqla' flus, inqas 'hija importanti r-reliġjon' għan-nies.







L-istat tan-nazzjon

# Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

Inqas minn erbgħin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ fl-2024 qalu li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (38.9% - tnaqqis sewwa meta mqabbel mal-2023 (49.0%)).




L-istat tan-nazzjon

# Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

- Aktar kemm hi kbira l-età, aktar jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.

- Aktar kemm hu għoli l-livell ta' edukazzjoni, inqas jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità u l-lingwa

# Ma’ fejn tassoċja ruħek l-aktar?

Ta’ min jinnota li sas-sena 2023 kien qed ikun hemm żieda f’dawk li qalu li huma jħossuhom jagħmlu parti l-aktar mill-Ewropa (11.2% fl-2021 vs 20.6% fl-2022 vs 25.3% fl-2023). Madankollu kien hemm tnaqqis fis-sena 2024 għal 20.5%. Dan jista’ jkun minħabba ċertu deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta’ diversi temi. Il-maġġoranza ta’ dawk li rrispondew l-istħarriġ qalu li huma jħossuhom li jagħmlu parti l-aktar minn Malta kollha (40.4%). Aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija tan-nies iħossuhom li jagħmlu parti l-aktar mar-raħal jew belt fejn joqogħdu (39.1%). L-Għawdxin huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (58.9%).




L-istat tan-nazzjon

# Tixtieq li twelidt u trabbejt f’pajjiż ieħor?

Il-maġġoranza tal-Maltin li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li huma ma jixtiqux li kieku twieldu f’pajjiż ieħor (70.5%), b’hekk huma komdi li twieldu u trabbew f’Malta. Kienu kwart tan-nies li qalu li huma jixtiequ li kieku twieldu f’pajjiż ieħor. Filwaqt li 4.5% tan-nies qalu “ma nafx”. Meta wieħed jikkumpara r-riżultati mas-snin ta’ qabel, dejjem qed naraw li hemm żieda f’dawk li qalu li jixtiequ kieku twieldu f’pajjiż ieħor. Dan jista’ jkun minħabba l-fatt li l-popolazzjoni dejjem qed tikber bl-influss ta’ barranin li ġejjin Malta.







Dawk li għandhom inqas minn 25 sena huma l-aktar li jixtiequ li kieku twieldu u trabbew f’pajjiż ieħor (42.7%).

L-istat tan-nazzjon

# Il-lingwa primarja

L-aktar lingwa kkunsidrata bħala l-lingwa prinċipali tal-Maltin hija l-Malti (71.3%). Huma 7.6% tan-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ li qalu li l-Ingliż hija l-lingwa primarja tagħhom. Ftit aktar minn għoxrin fil-mija tan-nies iqisu kemm il-Malti u kemm l-Ingliż bħala l-lingwi primarji tagħhom (20.3%).




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6: Il-politika

# L-importanza tal-politika f'ħajtek

Qed naraw tnaqqis f'dawk in-nies li qalu li l-politika hija importanti ħafna f'ħajjithom (48.3% fl-2021 vs 37.9% fl-2022 vs 37.4% fl-2023 vs 33.7% fl-2024). Barra minn hekk, kien hemm aktar nies minn sena għall-oħra li qalu li l-politika ma tinteressahom xejn (12.9% fl-2021 vs 21.9% fl-2022 vs 26.9% fl-2023 vs 31.3% fl-2024). Dawn ir-riżultati jindikaw li n-nies qed jiddejqu jisimgħu dwar politika. ***Ta' min iżomm f'moħħu wkoll li d-data ġiet miġbura waqt kampanja elettorali fejn normalment l-interess fil-politika jiżdied.***




L-istat tan-nazzjon

# L-importanza tal-politika f'ħajtek

Dawk li huma taħt il-25 sena huma l-inqas li qalu li tinteressahom 'ħafna' l-politika (17.3%).






# L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

Is-sentiment li n-nies qed jagħtu inqas importanza lill-politika jinħass f'din id-domanda wkoll. Meta kkumparat mal-aħħar tliet snin, kienu biss 27.2% tan-nies li qalu li huma jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih. Barra minn hekk, 42.8% ta' dawk li rrispondew qalu li huma ma jiħdux deċiżjoni skont kif jaħsibha partit politiku (żieda ta' aktar minn tlettax fil-mija meta mqabbel mal-2021).




L-istat tan-nazzjon

# L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

Dawk li għandhom aktar minn 66 huma l-aktar li jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (48.2%). Min-naħa l-oħra, 81.3% ta' dawk ta' bejn 16-25 qalu li ma jikkunsidrawx l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih huma.




L-istat tan-nazzjon

# L-ideat tiegħek u l-politika

Fis-sena 2024, ftit inqas minn tmenin fil-mija tal-Maltin jidentifikaw ruħhom ma' partit politiku li jaqbel mal-ideat tagħhom (79.6%). Ir-riżultati għal dawn l-aħħar 3 snin huma konsistenti ħafna.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Fil-passat, aktar minn żewġ terzi tal-Maltin dejjem ivvutaw għall-istess partit (69.5%). Huma 30.5% tan-nies li ġieli vvutaw għal partit differenti fil-passat. Ir-riżultati huma simili ħafna ta' xulxin mis-sena 2022 'il quddiem.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Fl-istħarriġ tal-2024 ħareġ li huma tnejn u erbgħin fil-mija tan-nies li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur. Jekk nerġgħu nqabblu l-figuri mas-snin preċedenti, huwa ċar li kulma jmur, in-nies qed jappartjenu inqas għal partit partikolari.




L-istat tan-nazzjon

# Il-preferenza tal-vot

Aktar kemm għandek età żgħira, aktar ikun hemm ċans li tivvota għal partit differenti fil-futur.




L-istat tan-nazzjon

# Il-vot fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss

Ftit aktar minn tliet kwarti ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma se jivvutaw fl-Elezzjoni Ġenerali li jmiss (76.4%). Huma biss 10.3% tan-nies li qalu li mhux se jivvutaw. Filwaqt li 13.3% tan-nies għadhom indeċiżi.




L-istat tan-nazzjon

# Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

Aktar minn ħamsin fil-mija ta' dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li mhux vera l-frażi: *Iż-żewġ partiti l-kbar huma l-istess*. Dan ifisser li l-maġġoranza tan-nies tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ partiti l-kbar.




L-istat tan-nazzjon

# Pjaċiri mingħand politiċi

Ftit aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija tan-nies qalu li huma ġieli marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (25.2%). Meta mqabbla mas-snin l-oħra qed naraw l-akbar tnaqqis fis-sena 2024. Dan jista' jkun għax in-nies ma tridx tiġi assoċjata ma' politiku partikolari.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

L-istat tan-nazzjon

# Rapportar ta’ aħbarijiet li jinteressawk

Kważi ħamsa u ħamsin fil-mija tan-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li l-midja Maltija ‘la ħafna u lanqas xejn’ tirrapporta u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (54.8%). Aktar minn tnejn u għoxrin fil-mija tan-nies qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u ma tiddiskutix suġġetti li jikkonċernaw lilhom (22.6%). Kienu 13.8% tan-nies li qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom. Meta nqabblu dan ir-riżultat mas-snin ta’ qabel, naraw li l-midja Maltija naqset il-popolarità tagħha speċjalment matul din is-sena.




L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta’ midja biex issegwi l-aħbarijiet

It-televiżjoni u l-links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook baqgħu l-aktar mezzi segwiti biex in-nies isegwu l-aħbarijiet. Ta’ min jinnota li kien hemm tnaqqis fil-perċentwal ta’ dawk li jsegwu gazzetti online (portals) (41.6% fl-2021 vs 35.7% fl-2022 vs 27.5% fl-2023 vs 24.9% fl-2024).




L-istat tan-nazzjon

# L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta stampata | 1.4% | 2.4% | 1.7% | 0.0% | 4.1% | 10.0% |
| Gazzetti online (portals) | 26.4% | 34.3% | 41.4% | 17.8% | 18.6% | 14.7% |
| Radju | 6.1% | 0.4% | 5.4% | 13.6% | 23.1% | 32.6% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 64.2% | 57.5% | 53.1% | 34.6% | 31.0% | 17.3% |
| TV | 27.0% | 22.4% | 32.3% | 46.1% | 61.2% | 76.8% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 37.2% | 39.0% | 44.8% | 24.3% | 18.6% | 8.2% |
| Mingħand ħaddieħor | 12.2% | 6.7% | 7.1% | 6.5% | 5.0% | 1.2% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 10.4% | 10.6% | 16.7% | 11.2% | 14.0% | 6.2% |

L-istat tan-nazzjon

# L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?

Il-maġġoranza assoluta tal-Maltin (87.1%) jaħsbu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna ħafna aktar minn dawk li seħħew għaxar snin ilu. Ir-riżultat huwa simili ħafna għal dawk tas-snin preċedenti.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-komunikazzjoni

# Il-komunikazzjoni mal-familjari

Aktar minn tliet kwarti ta’ dawk li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li huma l-aktar li jikkomunikaw mal-familjari huwa wiċċ imb wiċċ (76.9%). Ir-riżultati huma identiċi għas-sena ta’ qabel.




L-istat tan-nazzjon

# Il-komunikazzjoni mal-ħbieb

Il-maġġoranza ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma l-aktar li jikkomunikaw mal-ħbieb huwa wiċċ imb wiċċ (49.6%). Filwaqt li 34.0% tan-nies qalu li jitkellmu mal-ħbieb l-aktar permezz tal-midja soċjali u sms. Huma biss 16.3% tan-nies li qalu li huma jċemplu lill-ħbieb tagħhom. Ir-riżultati huma identiċi għas-sena ta' qabel. Kważi ħamsin fil-mija ta' dawk bejn 26-45 jikkomunikaw mal-ħbieb tagħhom permezz tal-midja soċjali u sms (48.0% - 49.8%).







L-istat tan-nazzjon

# Diskussjoni dwar il-ġrajjiet kurrenti

Ftit inqas minn tliet kwarti ta’ dawk li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ qalu li huma jiddiskutu dak li hu għaddej fil-pajjiż ma’ ħaddieħor wiċċ imb wiċċ (73.3%). Id-diskrepanza hija minima meta mqabbla mas-sena l-oħra.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9: L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

# L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti ‘1’ u l-inqas importanti ‘4’):

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | |
|---|---|---|---|---|---|
| – Ġustizzja | 1.44 | 1.95 | 1.75 | 1.81 | – l-aktar importanti |
| – Libertà | 2.55 | 2.49 | 2.71 | 2.53 | |
| – Ugwaljanza | 2.96 | 2.53 | 2.65 | 2.56 | |
| – Solidarjetà | 3.01 | 2.98 | 2.90 | 3.10 | – l-inqas importanti |

- L-aktar importanti għan-nies hija l-ġustizzja, filwaqt li l-inqas importanti hi s-solidarjetà. Riżultat simili ħafna għal dak tas-sena li għaddiet. Ir-riżultat baqa’ kostanti matul it-tliet snin.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 10: L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

# L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn l-affarijiet/avvenimenti kulturali Maltin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '5'):

| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | |
|---|---|---|---|---|---|
| – Ikel tradizzjonali Malti | 2.42 | 2.75 | 2.63 | 2.65 | |
| – Il-festi tal-irħula u l-ibliet | 2.53 | 2.46 | 2.47 | 2.50 | – l-aktar importanti (2024) |
| – Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | 2.70 | 2.72 | 2.67 | 2.52 | |
| – Arti u mużika Maltija | 2.87 | 3.34 | 3.22 | 3.55 | |
| – Il-karnival | 4.47 | 3.66 | 4.01 | 3.78 | – l-inqas importanti |

- Bħas-sena l-oħra, l-aktar importanti għan-nies huma l-festi tal-irħula u l-ibliet, filwaqt li l-inqas importanti hu l-karnival.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

# Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

Meta mistoqsija kemm lesti li jafdaw persuna Maltija bħalhom (fejn 1 - Ma tafda lil ħadd, 5 - Nafda lil kulħadd), l-aktar risposta komuni kienet "3 - Newtrali". Il-medja hija ta' 2.76. Ta' kull sena qed ikun hemm tnaqqis fil-medja. Dan ifisser li l-Maltin qed jafdaw inqas.

Inti kemm tafda lill-Maltin bħalek? (1-Ma nafda lil ħadd, 5-Nafda lil kulħadd)




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12: Ir-rispett u l-valuri

# Ir-rispett u l-valuri

Il-maġġoranza assoluta tal-poplu qalet li r-rispett u l-valuri li tħaddan persuna qegħdin jiġu mgħallma l-aktar mill-familja (84.7%). Filwaqt li 15.3% tan-nies qalu li dawn qed jiġu mgħallma l-iskola. Ir-riżultat huwa identiku għal dak tas-sena l-oħra.



# Sezzjoni 13: Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

# Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

In-numri komplew neżlin meta mqabbla mal-aħħar sentejn meta lin-nies saqsejniehom “Inti komdu bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna? (1 - Ma jien komdu xejn u 5 - Komdu ħafna)”. Il-medja hija ta’ 2.76. L-influss ta’ barranin matul l-aħħar snin jista’ jwassal għall-fatt li l-Maltin mhux iħossuhom komdi bil-multikulturaliżmu. Iż-żgħażagħ ta’ bejn is-26-35 sena huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta’ 3.05), għalkemm xorta m’hemmx xi differenzi kbar.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Il-mudell ekonomiku

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Il-mudell ekonomiku

## Il-bżonn ta’ ħaddiema barranin biex tikber l-ekonomija tal-pajjiż

# Il-bżonn ta' ħaddiema barranin biex tikber l-ekonomija tal-pajjiż

Il-maġġoranza tan-nies għandhom pożizzjoni newtrali meta ġew mistoqsija jekk hemmx bżonn ta' ħaddiema barranin biex tikber l-ekonomija ta' Malta (36.7% għażlu "newtrali" filwaqt li l-medja hi ta' 2.92). Mill-illustrazzjoni t'hawn taħt qed naraw kif il-poplu hu maqsum fuq din il-kwistjoni.




L-istat tan-nazzjon

# Il-bżonn ta' ħaddiema barranin biex tikber l-ekonomija tal-pajjiż

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 2.96 |
| Raġel | 2.88 |
| | |
| 16-25 | 3.13 |
| 26-35 | 2.69 |
| 36-45 | 2.97 |
| 46-55 | 2.95 |
| 56-65 | 3.02 |
| 66+ | 2.89 |
| | |
| Miżżewweġ | 2.99 |
| Mhux miżżewweġ | 2.86 |
| Separat/Divorzjat/Annullat | 2.64 |
| Armel/Armla | 2.77 |
| | |
| Primarja | 2.86 |
| Sekondarja | 3.06 |
| Postsekondarja | 2.76 |
| Terzjarja | 2.89 |

| | Medja: |
|---|---|
| Ħaddiem/a | 2.90 |
| Student/a | 3.25 |
| Mara/Raġel tad-dar | 2.84 |
| M'iniex impjegat/a bħalissa | 3.57 |
| Pensjonant/a | 2.92 |
| | |
| 0% | 2.96 |
| 15% | 2.74 |
| 25% | 3.14 |
| 35% | 3.20 |
| Ma weġbux | 2.80 |
| | |
| Nofsinhar tal-Port il-Kbir | 3.01 |
| Tramuntana tal-Port il-Kbir | 2.88 |
| Distrett tax-Xlokk | 2.94 |
| Distrett tal-Punent | 2.77 |
| Distrett tat-Tramuntana | 2.85 |
| Għawdex u Kemmuna | 3.24 |

| | Medja: |
|---|---|
| Għandek tfal taħt is-16-il sena | 2.98 |
| M'għandekx tfal taħt is-16-il sena | 2.91 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Il-mudell ekonomiku

## Il-bżonn ta’ ħaddiema barranin għal diversi servizzi fil-pajjiż

L-istat tan-nazzjon

# Il-bżonn ta' ħaddiema barranin għal diversi servizzi fil-pajjiż

Simili għal dak li rajna fis-sezzjoni ta' qabel, il-maġġoranza tan-nies għandhom pożizzjoni newtrali meta ġew mistoqsija jekk hemmx bżonn ta' ħaddiema barranin għal diversi servizzi fil-pajjiż (36.9% għażlu "newtrali" filwaqt li l-medja hi ta' 3.05). Mill-illustrazzjoni t'hawn taħt qed naraw kif il-poplu hu maqsum fuq din il-kwistjoni.




L-istat tan-nazzjon

# Il-bżonn ta' ħaddiema barranin għal diversi servizzi fil-pajjiż

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 3.08 |
| Raġel | 3.02 |
| | |
| 16-25 | 3.24 |
| 26-35 | 3.04 |
| 36-45 | 2.87 |
| 46-55 | 2.98 |
| 56-65 | 3.18 |
| 66+ | 3.08 |
| | |
| Miżżewweġ | 3.15 |
| Mhux miżżewweġ | 3.01 |
| Separat/Divorzjat/Annullat | 2.55 |
| Armel/Armla | 2.85 |
| | |
| Primarja | 2.95 |
| Sekondarja | 3.06 |
| Postsekondarja | 2.94 |
| Terzjarja | 3.15 |

| | Medja: |
|---|---|
| Ħaddiem/a | 3.00 |
| Student/a | 3.38 |
| Mara/Raġel tad-dar | 2.92 |
| M'iniex impjegat/a bħalissa | 3.57 |
| Pensjonant/a | 3.14 |
| | |
| 0% | 3.14 |
| 15% | 2.77 |
| 25% | 3.28 |
| 35% | 3.21 |
| Ma weġbux | 3.07 |
| | |
| Nofsinhar tal-Port il-Kbir | 3.07 |
| Tramuntana tal-Port il-Kbir | 3.04 |
| Distrett tax-Xlokk | 3.18 |
| Distrett tal-Punent | 2.93 |
| Distrett tat-Tramuntana | 3.03 |
| Għawdex u Kemmuna | 3.08 |

| | Medja: |
|---|---|
| Għandek tfal taħt is-16-il sena | 3.02 |
| M'għandekx tfal taħt is-16-il sena | 3.06 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Il-mudell ekonomiku

## Ċertu xogħlijiet li ma jixtiqux jagħmlu l-Maltin

L-istat tan-nazzjon

# Ċertu xogħlijiet li ma jixtiqux jagħmlu l-Maltin

Aktar minn erbgħa u ħamsin fil-mija tal-Maltin jaqblu li nġibu l-barranin għal ċertu xogħlijiet li ma jridux jagħmlu l-Maltin (54.6%). Ftit aktar minn ħamsa u tletin fil-mija ma jaqblux li nġibu l-barranin (35.2%). Filwaqt li 10.3% wieġbu li ma jafux.



# Ċertu xogħlijiet li ma jixtiqux jagħmlu l-Maltin

Dan ir-riżultat huwa simili meta mqabbel ma' demografija differenti tal-pajjiż, imma wieħed tajjeb jinnota li dawk l-aktar li għandhom dħul mill-impjieg tagħhom l-aktar li qalu li s-soluzzjoni hi li nġibu l-barranin għal ċertu xogħlijiet li ma jixtiqux jagħmlu l-Maltin.




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Il-mudell ekonomiku

## L-aktar setturi importanti biex tikber l-ekonomija Maltija

L-istat tan-nazzjon

# L-aktar setturi importanti biex tikber l-ekonomija Maltija

Il-parteċipanti ta' dan l-istħarriġ riedu jgħidu minn 1 sa 5 (1-Mhuwa importanti xejn, 5-Importanti ħafna) kemm huma importanti dawn id-diversi setturi ekonomiċi għall-ekonomija Maltija biex din tkompli tikber. L-aktar settur importanti skont il-parteċipanti huwa t-turiżmu. Filwaqt li l-inqas importanti huwa l-kostruzzjoni.




L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

**Il-Familja u l-ħajja tagħna**

- Dan huwa l-istat tan-nazzjon. Ħarisna lejn dak li jiddefinixxih u dak li jinfluwenzah sabiex jifforma l-opinjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu. Rajna kemm is-sehem tal-familja huwa importanti għall-ħajja tagħna ta' kuljum, għad-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għall-problemi li naffaċċjaw. Dan kollu nistgħu narawh b'mod konsistenti fuq numru ta' snin ukoll.
- In-numru ta' nies li qed jippjanaw ħajjithom naqas. Imma aktar kemm għandek età żgħira, aktar tippjana ħajtek; u aktar kemm għandek dħul, aktar tippjana ħajtek ukoll.
- Il-maġġoranza assoluta tal-poplu tħoss li għamlet aktar suċċess f'ħajjitha. 4 minn kull 5 qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom huwa mal-medja u madwar 12% qalu ogħla mill-medja. Kif ukoll, meta mqabbel mas-sena l-oħra naraw li kien hemm żieda fost dawk li qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena

L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

**Alla, ir-reliġjon, il-festi u l-politika**

- In-nies iqisu l-festi bħala l-aktar ħaġa importanti mill-kultura Maltija, segwiti mill-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u anke l-ikel tradizzjonali Malti.
- Poplu li jemmen f'Alla imma mhux bl-istess livell ta' importanza li jagħti lir-reliġjon. Inqas minn erbgħin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ fl-2024 qalu li jikkunsidraw 'ħafna' r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin. Dan huwa tnaqqis ta' madwar 10% meta mqabbel mal-2023 (49.0% vs. 38.9%). Rajna wkoll varjazzjonijiet ċari bejn ġenerazzjonijiet differenti. Iż-żgħażagħ u l-anzjani għandhom viżjonijiet differenti dwar diversi aspetti u temi. Madwar 20% tal-età ta' bejn 16-25 qalu li ma jemmnux f'Alla. Inqas kemm għandek età, inqas tikkunsidra r-reliġjon meta tieħu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin. Imma dan minħabba nuqqas ta' esperjenza jew sempliċiment riżultat ta' poplu li qiegħed dejjem jinbidel?

L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

**Alla, ir-reliġjon, il-festi u l-politika**

- Poplu li qiegħed jagħti inqas importanza lill-politika u waqt elezzjoni l-interess lejn il-politika reġa' naqas u qalilna li hija inqas importanti għalih. Fl-isfond ta' dan kollu, il-poplu jikkunsidra inqas l-opinjoni tal-partit politiku qabel ifassal l-opinjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, 81.3% ta' dawk ta' bejn 16-25 qalu li ma jikkunsidrawx l-opinjoni tal-partit politiku meta jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti. Bħala impatt ieħor naraw li bħalissa hemm żieda ta' nies li jikkunsidraw jivvutaw partiti differenti fil-futur.
- B'hekk b'dan kollu qed naraw poplu li aktar kemm jgħaddi żmien, inqas qiegħed iħoss li għandu bżonn ir-reliġjon u l-partiti biex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu. Imma fl-istess waqt rajna kemm is-sehem tal-familja huwa importanti għad-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għall-problemi li naffaċċjaw. Jidher ċar li ċ-ċirku ta' fiduċja li l-poplu kien jafda jew joqgħod fuqu qiegħed jiċkien, qiegħed jieħu inqas riskji f'min għandu jafda. Anke l-fiduċja f'dak li qiegħda tgħidlu l-midja qiegħed jonqos.

# Konklużjoni

## Il-Mudell ekonomiku, il-Maltin u l-barranin

- Għal ħafna nies, il-bżonn u dak li jixtiequ mhumiex jaqblu. Il-poplu ħosbien u mifxul. 35.2% jaħsbu li l-barranin mhumiex is-soluzzjoni, imma għall-poplu t-Turiżmu huwa l-aktar settur importanti biex l-ekonomija tagħna tkompli tikber. Settur li hu dipendenti fuq il-barranin.

Għal ċertu xogħlijiet li ma jixtiqux jagħmlu l-Maltin, taħseb hija soluzzjoni li nġibu l-barranin?




| | Medja: |
|---|---|
| • Turiżmu | 4.58 |
| • Ħwienet u ristoranti | 4.16 |
| • Servizzi finanzjarji | 4.13 |
| • Enerġija rinnovabbli | 4.03 |
| • Manifattura | 3.91 |
| • Intelliġenza artifiċjali | 3.71 |
| • L-industrija tal-films | 3.69 |
| • Gaming | 3.55 |
| • Kostruzzjoni | 2.97 |

L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

## Il-Mudell ekonomiku, il-Maltin u l-barranin

- F'din l-aħħar sena kienet l-aktar sena li n-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar f'dawn l-aħħar 4 snin. Imma fl-istess waqt qed naraw żieda ta' dawk li qed jgħidu li jixtiequ twieldu u trabbew ġo pajjiż ieħor. In-nies iħossu li finanzjarjament huma aħjar, imma issa qed jistennew xi ħaġa oħra u differenti minn dan il-pajjiż. L-aspettattivi tagħhom qed jinbidlu. X'inhi l-ħolma li jmiss li għandhom in-nies? Imma, ftakar ħaga oħra importanti wkoll, importanti li ma tmissx il-but tal-poplu għax ma tkunx popolari elettoralment.

Kif inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek illum meta mqabbla ma' dik ta' sena ilu?




Inti tixtieq li twelidt u trabbejt ġo pajjiż ieħor?




L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

**Il-Mudell ekonomiku, il-Maltin u l-barranin**

- Aktar minn terz tal-poplu mhux komdu bit-taħlit tal-kulturi flimkien, terz ieħor tal-poplu huwa indeċiż dwar it-taħlit tal-kulturi, jew forsi aħjar ngħidu skont liema kultura lest li jitħallat magħha, u inqas minn terz ieħor biss komdu bit-taħlit tal-kulturi flimkien. Fl-istess waqt, il-barranin fil-pajjiż f'għaxar snin żdiedu minn 4% għal 22%. X'ser jiddeċiedi dan il-poplu? Barranin f'darna? Jew barranin f'moħħna? Aħna razzisti? Imma nistgħu ndawru r-rota ekonomika mingħajr il-barranin?

Inti komdu bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna? ('1' Ma jien komdu xejn u '5' Komdu ħafna)



# Konklużjoni

## Il-Mudell ekonomiku, il-Maltin u l-barranin

- Terz tal-poplu jaħseb li m'għandniex bżonn il-barranin biex tikber l-ekonomija, 36.7% huma newtrali. Dawn tal-aħħar qed jgħidu li la għandna bżonnhom ħafna u lanqas m'għandna bżonnhom xejn. Imma stenna, il-mudell preżenti x'għandu ħażin? Aħna *full up*? L-ambjent u l-mudell ekonomiku, x'inhi r-relazzjoni bejniethom? X'jiġi l-ewwel u qabel kollox? Malta, il-Malti jew l-ekonomija? Il-politiċi qegħdin jindirizzaw dawn il-ħsibijiet u l-inkwiet tan-nies? Hemm bżonn ta' kunsens politiku nazzjonali biex l-ekonomija timxi 'l quddiem? B'hekk biss nistgħu naċċertaw li Malta tiġi l-ewwel u qabel kollox? Il-poplu ħosbien u mifxul, u l-poplu dejjem għandu raġun.




L-istat tan-nazzjon

# Minn hawn 'il quddiem...

Dan huwa dak kollu li ser niddiskutu llum. Dawn huma l-mistoqsijiet li qiegħed jitkellem dwarhom il-poplu. Imma, qabel ma l-kelliema, il-poplu, u l-esperti jiddiskutu l-istat tan-nazzjon, bdejna billi nagħtu stampa ta' min hu l-poplu u dak li jiddefinixxih minn aspett xjentifiku. B'hekk, il-poplu Malti semma' leħnu qabel id-diskussjoni. Issa, id-diskussjoni tista' tibda.



L-istat
tan-nazzjon

**Konferenza Nazzjonali**

Il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2024

Il-Palazz Verdala



L-istat
tan-nazzjon